

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tal-24 ta' Jannar 2012

**li taħtar il-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika**

(2012/42/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li tistabbilixxi Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' Marzu 2009, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2009/249/KE <sup>(2)</sup> sabiex jaħtar lis-Sur Johnny ÅKERHOLM bħala l-President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għal perijodu ta' tliet snin mit-23 ta' Marzu 2009.
- (2) Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatar President ġdid sabiex jassumi l-funzjoni meta jiskadi l-mandat li beda fit-23 ta' Marzu 2009.

- (3) Taħt l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni Nru 235/2008/KE, il-President m'għandux ikun membru attwali ta' uffiċċju nazzjonali tal-istatistika jew tal-Kummissjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Is-Sur Thomas WIESER huwa b'dan maħtur President tal-Bord Konsultattiv Ewropew għall-Governanza tal-Istatistika għal perijodu ta' tliet snin mit-23 ta' Marzu 2012.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

M. VESTAGER

<sup>(1)</sup> ĠU L 73, 15.3.2008, p. 17.

<sup>(2)</sup> ĠU L 74, 20.3.2009, p. 30.